**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 580/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Kurt Muscat**

Illum, is-7 ta' Frar, 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Kurt Muscat ta' 22 sena, iben Alfred u Marisa xebba Agius imwieled Pieta nhar 22 ta' Jannar 2000, detentur tal-karta ta identita bin-numru 36000L u residenti Blk G, Fl 14, Triq Jean Houel, San Giljan.

U akkuzatu talli:

1. Nhar l-1 ta' Ottubru 2022 u fil-granet u xhur ta qabel, f' Malta, uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika u, jew sfurzar, sabiex igieghel taghmel, ihalli isir, jew tonqos milli taghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abiltajiet jew jizola jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment ta' ommu Marisa Muscat u dan bi ksur ta' artikoli 251(1) 251H tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, zmien, lok u cirkostanzi kkawza lil ommu Maria Muscat u/jew lill-ohtu Lara Muscat minuri ta' 16 —il sena, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom u dan bi ksur tal-artikoli 251(3); 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu Maria Muscat u/jew lill-ohtu Lara Muscat minuri ta' 16 —il sena, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil ommu Maria Assunta Borg biza u dan bi ksur ta' artikolu 251B (1); 222(1); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lill-ommok Marisa Muscat u dan bi ksur tal artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti talMagistrati preseduta minn Magistrat Dr. Astrid May Grima

LL.D., dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom Ii ma jikkommettiex reat iehor u dan bi ksur ta' artikolu 23 ta' Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tat-Magistrati ta' Malta nhar 26 ta' Settembru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur ta l-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Kurt Muscat ghall-beneficcju ta' ommu Marisa Muscat u ohtu Lara Muscat dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament versu l-imputat u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Marisa Muscat u ohtu Lara Muscat dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta′ l-imputat u tordna -arrest mill-gdid tieghu u/jew tordna li is-somma marbuta jew parti minnha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f′ kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez Ii ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u esprima l-kunsens tieghu li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-17 ta' Novembru 2022.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar l-10 ta' Jannar 2023.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

[1] Fol. 7 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 8 ta' l-atti processwali
[3] Fol. 172 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 287 ta' l-atti processwali

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta' vjolenza morali u psikologika u biza allegatament imwettqa mill-imputat Kurt Muscat fil-konfront ta' ommu Marisa Muscat u ohtu Lara Muscat, li hija minuri. Il-fatti jindikaw li din l-imgieba sehhet fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' abbuz mid-droga mill-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 xehed **l-Ispettur Omar Zammit**[5], li spjega li fl-1 ta' Ottubru tal-istess sena, kien dahal rapport mill-parte civile Marisa Muscat flimkien ma bintha minuri Lara Muscat kontra l-imputat, li jigi it-tifel u huha rispettivament. Il-parte civile kienet stqarret li binha jiehu d-droga sintetika u jkollha tiehdu jixtri d-droga mill-Marsa kull tlett sieghat u jekk tonqos li tiehdu, l-imputat isir aggressiv u jibda jkisser u jaghmel il-hsara fid-dar. Dan l-agir isehh anke` bil-lejl u l-imputat kien ukoll jhedded li jekk ommu ma ttiehx flus ghad-droga, kien ser imur ghand in-nanniet u jwerwirhom. Ix-xhud tkellem ukoll ma oht l-imputat Lara Muscat li kkonfermat dak li qalet l-omm u spjegat li ta' spiss kien ikollhom jissakkru fil-kamra tas-sodda ghax jibzghu mill-imputat meta jsir aggressiv. Inzerta li waqt li l-parte civile kient qed taghmel ir-rapport, cemplilha l-imputat fuq il-*mobile* u hi ghamlithu *speaker*.

[5] Fol. 53-58 ta' l-atti processwali.

B'hekk ix-xhud seta' jisma huwa ukoll l-ghajjat u t-theddid u fuq dan, ordna l-arrest tal-imputat. Ix-xhud ha l-istqarrija tal-imputat, fejn wara li dan ghazel li jikkonsulta ma Dr Francesca Zarb, ma wieged l-ebda mistoqsija izda wera x-xewqa li jinhall mill-vizzju tad-droga.

Il-*parte civile* **Marisa Muscat**[6] xehdet fl-istess seduta. Spjegat li ghalkemm hija ser tixhed, l-intenzjoni taghha hija li tghin lil binha, minhabba li fl-ahhar zmien il-problema tieghu ta' abbuz ta' droga kienet giet "*out of hand*" minhabba li l-vizzju kien hakmu sew u sahansitra kien qed isir aggressiv meta jasal ghal doza, fejn fil-jiem qabel sar ir-rapport, kien kisser is-sodda tieghu. Spjegat li binha kien qed iqajjimha ukoll bil-lejl biex tiehdu l-Marsa biex jixtri d-droga. Iccarat li binha qatt ma kien wasal li jerfa' jdejh fuqha izda kien jibda' jhedded li kien ser *"ikisser kull m'hemm"*. Kient sa certu punt tithassru minhabba li bil-*withdrawal* tad-droga sintetika li kien jiehu, kien jigi hazin hafna. Spjegat li kienet iddecidiet li jsir rapport sabiex tigi kkontrollata s-sitwazzjoni u gara li waqt li kienet ghand il-pulizija, cemplilha l-imputat u beda jargumenta maghha biex tiehdu l-Marsa sabiex jixtri. Spjegat li kien hemm okkazjonijiet fejn hi u t-tifla kienu jissakkru fil-kamra tas-sodda minhabba l-biza' mill-aggressjoni tal-imputat. In kontro-ezami iccarat li hija kienet aktar imdejjqa bis-sitwazzjoni milli mbezza' minn binha per se u kien car ghaliha li ried u kellu bzonn l-ghajnuna.

Il-parte civile regghet hadet il-pedana fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2022[7], meta hija ddikjarat li in vista tal-fatt li l-imputat huwa binha, hija tahfirlu u

[6] Fol. 62-86 ta' l-atti processwali.
[7] Fol. 174-177 ta' l-atti processwali.

tixtieq li jerga' jmur id-dar, dan ukoll ghax l-imgieba tieghu, fil-fehma taghha, marret ghall-ahjar waqt il-perjodu ta' arrest preventiv.

**Lara Muscat**[8], oht l-imputat, wara d-debita twissija mill-Qorti, iddikjarat li ma xtaqitx tixhed kontra huha.

**Jessica Grech Parnis**[9], ufficjal tal-Agenzija Appogg, xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022. Spjegat li ghamlet *risk assessment* dwar vjolenza domestika in konnessjoni mal-kaz odjern li minnu, fi kliem ix-xhud, irrizulta li kien hemm riskju f'livell medju ghall-parte civile.

**PS 2256 Lyanne Sant**[10], stazzjonata fit-Taqsima kontra l-Vjolenza Domestika, xehed waqt l-istess seduta. Ikkonfermat ir-rapport maghmul mill-parte civile Marisa Muscat u bintha Lara Muscat. Ix-xhud spjegat li l-parte civile kienet tidher imbezza' minn binha, li jekk ma kienitx twasslu l-Marsa biex jixtri d-droga kull tlett sieghat, kienet isir aggressiv u jaqbad jhedded li jkissrilha l-karozza u d-dar u jqaxxrlilha xaghrha. Ix-xhud ikkonfermat li waqt li kienet qed tiehu r-rapport, l-imputat cempel lill-ommu fuq il-*mobile* u hi semghatu jghid *"inti gejja ha twassani ha mmur nixtri? Filkaz ha nkompli nkisser kull m'hawn"*. Minn naha taghha, Lara Muscat stqarret li hi stess kienet spiccat tiehu l-kalmanti minhabba s-sitwazjoni tad-dar.

**PC 793 Samuel Muscat**[11] u **PC 168 Jonathan Sterry**[12], stazzjonati fir-*Rapid Intervention Unit*, xehdu fl-istess seduta u konfermaw li l-involviment taghhom

---

[8] Fol. 59-61 ta' l-atti processwali.
[9] Fol.99-102 ta' l-atti processwali.
[10] Fol. 118-119 ta' l-atti processwali.
[11] Fol.111-112 ta' l-atti processwali.
[12] Fol. 113-114 ta' l-atti processwali.

fl-arrest tal-imputat fuq struzzjonijiet mill-Ghassa ta' San Giljan. Dan l-arrest gie ezegwit minghajr l-ebda problem.

**Dr Anthony Zahra**[13] xehed fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 fejn b'referenza ghad-dokumenti exebiti a Fol. 17 u 18 t' l-atti, ikkonferma li l-imputat kien fil-fatt iffirma biex johrog mill-Isptar u kellu l-kapacita` li jigi intervistat mill-Pulizija u li jsegwi l-proceduri gudizzjarji.

**L-Ispettur Eman Hayman**[14], stazzjonat fl-Ghassa ta' Tas-Sliema, xehed fl-istess seduta. B'referenza ghad-dokument ossija digriet ezebit a Fol. 92, huwa kkonferma li l-imputat kien qieghed barra bil-liberta` provvizjorja u ghalhekk kien sogget ghall kundizzjonijiet.

**Noelene Cassar**[15], Ufficjal tal-*Probation*, xehed fl-istess seduta fejn hija spjegat li ilha sssgwi lill-imputat sa mit-3 ta' Ottubru 2022. Mill-istharrig li ghamlet, irrizulta li l-imputat qed jiffaccja problema ta' abbuz minn droga sintetika, liema problema kienet qed twassal ghal xi rabja ghal ommu u huh. Spjegat li kien ghadu kmieni li wiehed jikkummenta wisq fuq progress u kien ghadu jidher li l-imputat ma jridx jindirizza l-problema.

Ix-xhud reghet hadet il-pedana waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2022[16] li in segwitu tar-rapport li hija kienet diga` ppreparat, ikkonfermat li mill-informazzjoni li kisbet, fil-5 ta' Dicembru 2022 l-imputat kien prova jaghmel kuntatt mal-Caritas bil-hsieb li jottjeni ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-

[13] Fol.140-141 ta' l-atti processwali.
[14] Fol. 142-143 ta' l-atti processwali.
[15] Fol. 149-150 ta' l-atti processwali.
[16] Fol. 206-212 ta' l-atti processwali.

droga. Saret taf ukoll li qabel l-incidenti mertu ta' din il-kawza, l-imputat kien diga` attenda xi sessjonijiet ma certu Leon fi hdan il-Caritas.

Fis-seduta tat-28 ta' Dicembru 2022[17] ikkonfermat li l-imputat issottometta applikazzjoni mal-Caritas u mill-kuntatt li kellha mieghu, setghet tikkonferma li kien qed jikkoopera.

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2023[18], ix-xhud ipprezentat ir-rapport taghha u spjegat li rrizultalha li l-imputat ilu mahkum mill-vizzju tad-droga sa mill-eta` tenera ta' 13-il sena u qatt ma kien hemm attentat serju minn naha tieghu sabiex din il-problema tigi ndirizzata u jidher li sal-lum, mhux dispost li jidhol ghal program residenzjali. Spjegat li din ir-reluttanza jista' jkun hija dovuta ghall-fatt li dejjem sab lill-familja bhala *cushion*.

**Gabriella Buttigieg**[19], *care plan coordinator* fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, xehdet waqt is-seduta tat-28 ta' Dicembru 2022. Spjegat li xehed minn rajh fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022. Spjegat li kienet ilha ssegwi lill-imputat ghal madwar xahar u nofs, u cioe` kemm kienu ilu inkarcerat taht arrest preventiv. Kien dahal posittiv ghall-kokaina izda irrizulta li l-akbar problema kienet relatata mad-droga sintetika. Tkellmet ukoll mac-Child Protection Services rigward il-wild minuri tal-imputat.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Katya Muscat**[20], oht l-imputat. Infurmat lill-Qorti li hija disposta toffrilu xoghol fis-*snack bar* li hija tiggestixxi f'San Gwann.

[17] Fol. 235-236 ta' l-atti processwali.
[18] Fol. 287 ta' l-atti processwali
[1919] Fol. 237-238 ta' l-atti processwali.
[20] Fol. 240-241 ta' l-atti processwali.

Spjegat li dan il-hanut jopera bejn is-06:00hrs u s-14:00hrs u x-xoghol li hija lesta toffrilu huwa ta' tisjir u assistenza generali.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Il-pulizija ressqet certifikati medici mill-isptar Monte Carmeli,[21] digriet ghall-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest,[22] rapport mill-Domestic Violence Unit[23], okkkorenza,[24] dettalji ta' l-imputat,[25]

Illi skond id-digriet datat 16 ta' Gunju 2022, l-imputat kien obbligat li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Illi l-akkuzi li bihom tressaq l-imputat iggibu d-data ta' l-1 ta' Ottubru 2022. Jirrizulta wkoll li saru depozitu fir-registru ta' elf Euro u garanzija personali ta' ghaxart elef Euro b'somma totali ta' hdax il-elf Euro. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li gie sodifacentement ippruvat

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

**Stqarrija**

Il-pulizijz ressqet stqarrija DVD.

---

[21] Dok OZ5, OZ6 Folio 17-18 ta' l-atti processwali
[22] Dok SCT1, Folio 92 ta' l-atti processwali
[23] Dok OZ7, Folio 19-34 ta' l-atti processwali
[24] Dok OZ8, Folio 35-39 ta' l-atti processwali, Dok LS1, Folio 106-110 ta' l-atti processwali
[25] Dok OZ9, Folio 40 ta' l-atti processwali

Illi fit-3 ta' Ottubru 2022, wara li kkonsulta mal-Avukat Dr Francesca Zarb, l-imputat irrilaxxja stqarrija[26] lill-Ispettur Omar Zammit fil-prezenza ta' ufficjal tal-pulizija. L-imputat ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet maghmula lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz ix-xhieda principali u l-prova in ekwivoka tal-prosekuzzjoni hija omm u oht l-imputat. Illi dawn ix-xhieda talbu li jwaqqfu l-proceduri kontra l-imputat safejn hu possibli, fil-kaz ta' Lara Muscat li ma tixidhx, xtaqu jahfru lill-imputat u jergghu jaccettah lura go darhom bit-tama li jsegwi b'success programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

Illi fin-nuqqas li tixhed oht l-imputat Lara Muscat, il-prosekuzzjoni ma ghandix provi sufficjenti u ma tistax tressaq l-ahhjar prova jew prova sal-grad rikjest mill-ligi f'dak li jikkoncerna lilha.

Il-konsegwenza ta' dan huwa li l-Qorti m'ghandha ebda provi quddiemha li bihom tista tqis li dawn ir-reati gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi f'dak li jikkoncerna Lara Muscat.

Ghaldaqstant ghar-rigward it-tieni u t-tielet imputazzjoni f'dak kollu li jikkoncerna Lara Muscat il-kaz mhuiex ppruvat.

Illi fir-rigward it-tielet imputazzjoni issir referenza ghal ommu Maria Assunta Borg. Madankollu jirrizulta li ommu hija Marisa Muscat u mhux il-persuna li saret referenza ghaliha. Il-prosekuzzjoni qatt ma ressqet li certa Maria Assunta Borg sabiex tixhed u lanqas talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet. Ghaldaqstant

[26] Fol. 137-139 ta' l-atti processwali

ma jistax jinghad li dan ir-reat gie sodifacentement ippruvat u sejra tghaddi sabiex tilliberah minn kull htija u piena.

Ghar-rigward ir-raba imputazzjoni l-Qorti qieset li l-parte civile rrinunzjat ghal-kwerela li hi gia ghamlet u ghaldaqstant tqis il-procediment ghal din il-imputazzjoni bhala estint.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-Qorti tqis ukoll li l-prova imressqa ma tilhaqx il-grad rikjest mill-ligi u sejra tilliberah minnha..

Illi fil-kumplament f'dak li jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni li jirrigwardja lil  ommu Maria Muscat il-Qorti tqis li l-verzjoni li tat ommu jisodissfa l-grad rikjest mill-ligi u li mix-xhieda taghha jirrizulta ampjament car li dawn l-imputazzjonijiet gew ippruvati.

Il-Qorti tqis ukoll li gie ppruvat li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuq fl-ghoti tal-helsien mill-arrest.

Madankollu, fic-cirkostanzi li ghandha quddiema, din il-Qorti tiehu din l-opportunita' sabiex twissi persuni bhall-imputat li ghandhom dejjem jaghrfu li l-familjari taghhom m'ghandhom ikunu qatt, u wisq anqas ihossuhom, obbligati li jrrinunzjaw ghal xi kawza kontra wliedhom jew membri tal-familja ghad-deni li jkunu allegaw li garrbu minghandhom.  Mill-imgieba tal-familjari tal-imputat, huwa evidenti u car li ghandhom qalbhom maqsuma minhabba l-komportament ta' l-imputat, dovut ghall-vizzji tieghu u ghad-diffikultajiet li jinsab fihom. Jinhass evidenti wkoll li l-istess familjari jixtiequ jaghmlu l-ahjar li jistghu sabiex jghinnuh jeghleb il-vizzji tieghu.  Persuni bhall-imputat ghandhom jaghrfu li l-familjari taghhom mhumiex hemm ghall-dejjem u lanqas ma ghandhom jippretendu, bhal donnu b'dritt, li jekk ikun hemm xi kwerela

jew proceduri ohra *ex officio*, il-familjari taghhom jibqghu jaghzlu t-triq tal-mahfra, dan aktar u aktar waqt li jkunu ghadhom jghixu taht saqaf wiehed.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta′ piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b′zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta′ l-imputat.[27] Il-fedina penali ta′ l-imputat, tenut kont tal-eta` pjuttost zghira tieghu, hija wahda li thasseb lil din il-Qorti mhux ftit u tinkwadra offizi ta′ hsara volontarja, sewqan traskurat u perikoluz, serq, pussess tad-droga kif ukoll vjolenza fuq ufficjali pubblici.

- Il-vittma stqarret fix-xhieda taghha li minn dak in nhar ta′ l-incident l-imgieba tal-imputat, li huwa binha, marret ghall-ahjar u li trangaw l-affarijiet bejniethom.[28]

- Illi l-Qorti rat ukoll id-diversi rapport ta′ l-ufficjali tal-Probation fejn jirrizulta li l-imputat ma ghandux ix-xewqa u interess serju li jifaccja l-problema tad-droga serjament.

- L-artikolu 251(3) tal-Kodici Kriminali jistipula li kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenzakontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta′ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jewbniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b′grad wieħed jew tnejn: Iżda meta l-

[27] Fol. 10-15 ta' l-atti processwali
[28] Fol. 174 ta' l-atti processwali

ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn.

- Illi dan jinghad ukoll fl-artikolu 251H(a), 251HA, 222(1) li jghidu li l-pieni ghandhom jizdiedu bi grad jew bi zewg gradi meta d-delitt jitwettaq lejn genitur.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251(1), 251(H), 251(3), 222(1)(a), 202(h), 251B(1), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Kurt Muscat **hati** ta' l-ewwel imputazzjonijiet, tat-tieni imputazzjoni limitatament ghal dak li jikkoncerna Marisa Muscat filwaqt li liberat ghal dak li jikkoncerna lil Lara Muscat u hati tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih filwaqt li ssibu **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni, tar-raba' imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni dedotti kontrih kif ukoll tordna l-arrest tieghu mill-gdid u tordna li s-somma ta' hdax il-elf Euro (€11,000) msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet tas-16 ta' Gunju 2022 moghti mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Astrid May Grima jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun

fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' **tlett (3)** snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tastjeni milli tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Marisa Muscat stante li l-imputat qed jerga jigi accetat li immur jghix lura ghand ommu.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi

mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt **Ordni ta' Trattament** għal perjodu u ta' **tlett (3)** snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għallkondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Frar, 2023, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**